**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 008/2021

8 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

## 8.1 Qari ta' ittri ta' apologija

8.1.1 Ma kienx hemm

## 8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

8.2.1 Din il-materja giet trattata fl-ewwel parti tas-Seduta ( seduta numru 7)

## 8.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

8.3.1 Din il-materja giet trattata fl-ewwel parti tas-Seduta ( seduta numru 7)

## 8.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.4.1 Din il-materja giet trattata fl-ewwel parti tas-Seduta ( seduta numru 7)

## 8.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

8.5.1 Din il-materja giet trattata fl-ewwel parti tas-Seduta ( seduta numru 7)

### 8.6 Mozzjonijiet

8.6.1 Din il-materja giet trattata fl-ewwel parti tas-Seduta ( seduta numru 7)

### 8.7 Sejhiet ghall-offerti

8.7.1 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghall-knis ta' toroq li kien qieghed jippjana illi johrog il-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kellha kuntatt mal-Cleansing and Maintenance Directorate, kien gie stabbilit illi l-istess dipartiment ma setax jidhol fuq xoghol tal-Kunsill Lokali biex joffri assistenza b'mod regolari. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghall-offerti skont id-dokument abbozzat, bil-possibilita' illi jkun hemm zieda fin-numru ta' sieghat ta' xoghol minn zmien ghal zmien kemm il-darba tinhass il-htiega. Kien hemm qbil illi s-Sinjuri Stephanie Pace u Ramona Falzon Gatt kellu jkollhom ir-rwol ta' opening staff filwaqt li s-sinjuri Raymond Mifsud, Romina Perici Ferrante u Christopher Falzon kellhom ikopru r-rwol ta' evalwaturi.

### 8.8 Bye-Laws

8.8.1 Din il-materja giet trattata fl-ewwel parti tas-Seduta ( seduta numru 7)

**8.9 Rapporti**

8.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghallistimi, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri l-kotba minghand l-orhos offerenti.

8.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet harget komunikazzjoni minn Transport Malta rigward il-European Mobility week 2021, liema skema inkarigat lill-Kunsilliera Johann Scerri u Martin Vella biex jiehdu hsieb (The Small Events and Activities Competition)

8.9.4 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jaghti l-mandat tieghu b'konnessjoni ma' proposta tal-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali relatata ma' mwejjed u siggijiet ta' stabbilimenti
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jikkonsulta mal-Kazin tal-Banda San Gorg il-proposta ta' zied ta' dwal fi Pjazza Paolino Vassallo.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellhom jitpoggew xi qsari biswit mina li kien hemm fi Triq ix-Xatt ta' Bormla bil-ghan illi tissolva problema ta' parkegg abuziv li kien qieghed ikun hemm.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet giet approvata l-installazzjoni ta' *charging point* ghal vetturi li jahdmu bl-elettriku fi Triq Alessandra.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'komunikat minn Green MT li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali gei mitlub jikkonferma jekk kienx jaqbel ma' proposta li tressqet mill-istess Green MT sabiex il-gbir ta' hgieg (kull xahar) isir nhar ta' Tlieta minflok nhar ta' Gimgha. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kella tigi accettata l-offerta tal-irhas offerent fil-kaz ta' siggijiet ghall-amministrazzjoni.

**8.10 Attivitajiet**

8.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta bil-ghan illi tittella' r-raba edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi minkejja li l-Kunsill Lokali kien ghadu ma rceviex risposta rigward l-applikazzjoni sottomessa, kienu bdew il-preparamenti bazici ghall-attivita' bil-ghan illi kemm il-darba ikun possibbli tittella' l-attivita' li kienet dahlet tajjeb fil-kalendarju kulturali.

8.10.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'attivita' li kienet qieghda tittella' minn St.George's F.C. youth nursery, liema attivita' kienet tikkonsisti minn summer camp matul Awissu 2021. Wara li inghataw dettalji dwar l-attivita' u korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand l-istess NGO, kien hemm diskussjoni libera, dwar is-sehem tal-Kunsill Lokali fl-imsemmi summer camp. Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu joffri s-servizz ta' trasport permezz tal-vetturi elettrici li kienu jintuzaw ghat-trasport

u jipprovdi xi ilma ghall-istudenti. Kien hemm qbil ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilitajiet ta' ghajnuna indiretta lill-istess ghaqda.

8.10.3 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jaghmel xoghol preparatorju bil-ghan illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali jaqbel, jittellghu attivitajiet fl-okkazjoni tat-tliet mitt sena minn meta Bormla kienet inghatat it-titlu ta' belt. Fost l-ohrajn is-Sur Agius semma li kien qieghed jahdem sabiex il-Bank Centrali ta' Malta johrog sett ta' muniti kommemorattivi u jinhargu sett ta' bolol first day covers minn Maltapost. Is-Sur Agius temm jghid illi hekk kif ikun hemm aktar dettalji kienu ser ikunu qieghdin jitpoggew fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi l-istess Kunsill Lokali jiehu d-decizjonijiet li jidhirlu xierqa.

**8.11 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

8.11.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:00 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-5 ta' Awissu 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 5 t'Awwissu, 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |